



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.6.2013  
COM(2013) 453 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni  
pubblika**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-komunikazzjoni tidentifika l-istat tal-implimentazzjoni tal-“akkwist elettroniku minn tarf sa tarf”<sup>1</sup> (mill-pubblikazzjoni elettronika tal-avviżi għall-ħlas elettroniku) fl-UE, kif previst mill-Komunikazzjoni tal-2012 “Strateġija għall-akkwist elettroniku”<sup>2</sup>. Din tistabbilixxi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-UE u mill-Istati Membri biex jilhqqu t-tranżizzjoni lejn l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf.

Il-ġestjoni tal-akkwisti pubbliki hija ta' importanza politika primarja fil-kuntest attwali ta' konsolidazzjoni fiskali. Peress li n-nefqa pubblika fuq l-oġġetti, ix-xogħlijiet u s-servizzi tirrappreżenta 19 % tal-PDG tal-UE<sup>3</sup>, il-ġestjoni aktar effiċjenti tagħha tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex **titjeb l-effiċjenza ġenerali tan-nefqa pubblika**. Il-kriżi attwali tipprovdni opportunità lill-Istati Membri sabiex jimpenjaw ruħhom aktar fl-implimentazzjoni tal-**bidliet strutturali fl-amministrazzjoni tagħhom**, bil-għan li jnaqqsu s-sehem tan-nefqa pubblika fil-PDG tagħhom filwaqt li jixprunaw ir-riżorsi mfaddla biex **jinvestu f'politiki li jtejbu t-tkabbir**. Il-Bank Dinji jikkalkula li l-akkwist elettroniku jista' jwassal għal tfaddil ta' 6 % sa 13,5 % tat-total tan-nefqa fl-akkwist pubbliku<sup>4</sup>.

**Amministrazzjoni pubblika effettiva hija element ewlieni tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.** Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika kienet identifikata bħala waħda mill-ħames prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni fl-2012 u fl-2013<sup>5</sup>. Ir-riforma tal-akkwist pubbliku, id-diġitizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, u aktar trasparenza huma kollha faċilitaturi għat-tkabbir.

It-tranżizzjoni lejn tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf tista' tiġġenera tfaddil sinifikanti, tiffaċilita r-rikonsiderazzjoni strutturali ta' ċerti oqsma tal-amministrazzjoni pubblika, u tikkontribwixxi faċilitatur għat-tkabbir billi tiftaħ is-Suq Intern u billi trawwem l-innovazzjoni u s-simplifikazzjoni. Tista' wkoll tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku billi tnaqqas il-piż amministrattiv, billi żżid it-trasparenza fl-opportunitajiet tan-negozju u billi tnaqqas il-kosti għall-parteċipazzjoni.

L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf ma jfissirx l-implimentazzjoni ta' proġett tal-IT li sempliċiment jirreplika l-proċessi bbażati fuq il-karti; Huwa opportunità għar-rikonsiderazzjoni fundamentali tal-mod kif tiġi organizzata l-amministrazzjoni pubblika. **L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf għalhekk huwa faċilitatur ewlieni għall-prijoritajiet ta' hawn fuq, u jista' jikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' tkabbir sostenibbli tal-Istrateġija UE 2020.**

Sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-akkwist elettroniku<sup>6</sup>, u bħala parti mill-modernizzazzjoni tal-qafas legali tal-akkwist pubbliku<sup>7</sup>, fi tmiem l-2011 il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel il-

<sup>1</sup> L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf huwa l-użu tal-ipproċessar elettroniku tal-komunikazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet permezz tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku meta jixtru l-provvisti u s-servizzi jew jagħmlu l-offerti għal xogħlijiet pubbliċi, mill-avviż għall-ħlas.

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/docs/eprocurement/strategy/COM\\_2012\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/eprocurement/strategy/COM_2012_en.pdf)

<sup>3</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/docs/modernising\\_rules/public-procurement-indicators-2011\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/modernising_rules/public-procurement-indicators-2011_en.pdf)

<sup>4</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/docs/eprocurement/conferences/speeches/robert-hunja\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/eprocurement/conferences/speeches/robert-hunja_en.pdf)

<sup>5</sup> Komunikazzjonijiet COM(2011) 815 final u COM(2012) 750 final.

<sup>6</sup> Dan id-dokument jirreferi għall-akkwist elettroniku bħala notifika elettronika, aċċess elettroniku u sottomissjoni elettronika, li huma definiti hawn taħt.

fażijiet tan-notifika elettronika<sup>8</sup>, l-aċċess elettroniku għad-dokumenti tal-akkwist<sup>9</sup>, u s-sottomissjoni elettronika<sup>10</sup> obligatorji. Il-Kummissjoni issa adottat proposta li għandha l-għan li tiġi diġitalizzata fażi oħra tal-proċess tal-akkwist: il-fatturar Din il-proposta, prevista fl-Att dwar is-Suq Uniku II tal-2012, għandha l-għan li tikseb tranżizzjoni lejn l-aċċettazzjoni obligatorja ta' fatturi elettroniċi mix-xerrejja pubbliċi kollha sa data ta' skadenza marbuta mill-qrib kemm jista' jkun ma' dik tal-akkwist elettroniku. Dan se jkabbar sal-massimu l-benefiċċji għall-ekonomija tal-UE u jippermetti lill-kumpaniji Ewropej u l-awtoritajiet kontraenti jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-Suq Uniku Diġitali.

Il-modernizzazzjoni tal-qafas legali tal-akkwist pubbliku u l-proposta dwar il-fatturar elettroniku jindirizzaw il-motivaturi ewlenin tad-diġitizzazzjoni tal-akkwist pubbliku. Il-pagament elettroniku huwa fil-parti l-kbira diġà indirizzat mil-leġislazzjoni dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), filwaqt li l-ordni elettronika tiddependi fuq l-implimentazzjoni tal-katalgi elettroniċi, li tinsab fil-proposta leġislattiva dwar l-akkwist pubbliku. Il-bqija tal-proċess (l-arkivjar elettroniku) jiddependi fuq il-fatturar elettroniku, u dan jikkonferma l-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq il-fatturar elettroniku l-ewwel. Għalhekk, għalkemm il-mira finali hija li jitmexxa ċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist min-notifiki elettroniċi sal-pagament elettroniku b'mod elettroniku, f'dan l-istadju l-Kummissjoni ma tippredix proposti leġislattivi biex jiġu diġitalizzati l-proċessi fadal. Madankollu l-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi futuri f'dawn l-oqsma u tista' tiddeċiedi li tiegħu azzjoni jekk tqis li jkun utli jew meħtieġ.

L-Istati Membri se jkollhom ir-rwol ewleni fl-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf, minħabba li se jkollhom jistabbilixxu strateġiji azzjonabbli biex jirregolaw it-tranżizzjoni. Il-maġġoranza tal-istrateġiji li diġà ġew stabbiliti ma fihomx pjanijiet ta' azzjoni li jindirizzaw il-kwistjonijiet operattivi. Mit-22 Stat Membru li stabbilixxew strateġiji għall-akkwist elettroniku, tmienja biss stabbilixxew miri għall-adozzjoni tal-akkwist elettroniku.

## **2. L-AKKWIST ELETTRONIKU MINN TARF SA TARF BĦALA MEZZ BIEX TIĠI MMODERNIZZATA L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA**

L-Istati Membri għandhom jaħtfu l-opportunità għall-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf biex itejbu l-mod kif isir l-akkwist pubbliku u, b'mod aktar importanti, biex jiġi mmodernizzat fundamentalment il-funzjonament tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom. Sabiex jitkabbar il-benefiċċju kemm jista' jkun, huwa meħtieġ li jittieħed approċċ strateġiku u olistiku, li jistabbilixxi l-qafas legali leġislattiv u politiku xieraq, u li jiżgura l-governanza u l-koordinazzjoni. Pereżempju, se jkun hemm il-ħtieġa li jsiru għażliet ta' politika biex jiġi żgurat li l-kumpaniji jkollhom aċċess faċli għall-opportunitajiet ta' akkwist. Dan jista' jinkiseb billi jiġu ppubblikati l-opportunitajiet ta' akkwist nazzjonali kollha fuq websajt wieħed jew billi jiġu stabbiliti websajts multipli li jiskambjaw l-informazzjoni.

L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf joffri l-opportunità biex titfassal mill-ġdid il-proċedura kollha tal-akkwist, u b'hekk potenzjalment jiġi affettwat il-livell ta' (de)ċentralizzazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri<sup>11</sup>

---

<sup>7</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/modernising\\_rules/reform\\_proposals\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/modernising_rules/reform_proposals_en.htm)

<sup>8</sup> Il-pubblikazzjoni elettronika ta' avviżi li jħabbru l-offerti tal-akkwist pubbliku.

<sup>9</sup> Il-pubblikazzjoni tad-dokumentazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, bħal pereżempju t-termini ta' referenza fuq il-web.

<sup>10</sup> Is-sottomissjoni elettronika ta' offerti mill-kumpaniji meta jwieġbu għal sejħa għall-offerti.

<sup>11</sup> Il-bidla lejn iċ-ċentralizzazzjoni hija xejra li għaddejja bħalissa sostnuta ulterjorment mill-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku.

L-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf jista' jtejjeb l-effiċjenza amministrattiva ġenerali billi jnaqqas it-tul ta' żmien taċ-ċiklu mix-xiri għall-pagament, billi jitnaqqas il-piż amministrattiv u tittejjeb il-verifikabbiltà. Dawn imbagħad, inaqqsu l-opportunità għall-korruzzjoni u l-frodi tat-taxxa, iżdidu s-sigurtà tad-dejta u jnaqqsu l-litigazzjoni<sup>12</sup>. Il-Korp Ċentrali għall-Akkwisti Lombardy ivvaluta fl-2009 li l-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku naqqset it-tul ta' żmien tal-proċeduri tal-akkwist b'26 % u l-litigazzjoni bi 88 %.

Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tiffaċilita l-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku u għalhekk ta' proporzjon sinifikanti tan-nefqa pubblika. Fil-Portugall, il-portal tal-akkwist pubbliku "Base"<sup>13</sup> jippermetti l-monitoraġġ tan-nefqa u l-volum tal-akkwist pubbliku u l-istabbiliment ta' statistika dwar it-tip ta' xiri, l-offerti li rebħu l-kumpaniji, eċċ.

L-akkwist elettroniku jista' jipproduċi wkoll effetti indiretti billi jagħti bidu għal diġitalizzazzjoni usa' tas-servizzi tal-gvern, li tirriżultaw f'servizzi pubbliċi faċli għaċ-ċittadini u n-negozji aktar effiċjenti. Dan jista' jstimula wkoll l-innovazzjoni u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>14</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku 2011-2015<sup>15</sup>.

L-introduzzjoni tal-fatturar elettroniku tista' tikkontribwixxi għall-awtomazzjoni ta' proċessi oħra ta' wara l-għoti permezz ta' effetti indiretti, bħal pereżempju l-ordni elettronika, il-pagamenti elettroniċi u l-arkivjar elettroniku. Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti ċ-ċertifikati elettroniċi<sup>16</sup> bħala punti uniċi ta' servizz għaċ-ċertifikati kollha mitluba fl-akkwist pubbliku. L-awtoritajiet kontraenti ma jkollhomx aktar bżonn li jitolbu dokumenti minn kumpaniji għaliex dawn ikunu disponibbli onlajn. Dawn iċ-ċertifikati elettroniċi jistgħu jintużaw minn amministrazzjonijiet pubbliċi oħra minbarra l-awtoritajiet kontraenti u dan iwassal għal simplifikazzjoni u tnaqqis fil-piż amministrattiv. Fl-Italja huwa stmat li sistema bħal din twassal għal iffrankar sa EUR 1,2 biljun kull sena għall-kumpaniji<sup>17</sup>. L-użu taċ-ċertifikati elettroniċi mill-UGAP, Korp Ċentrali għall-Akkwisti Franċiż, naqqas il-kosti amministrattivi b'35 % u l-proċess tal-għoti naqas b'10 ijiem.

Bosta pajjiżi diġà bdew jimplementaw l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf. Jistgħu jinkisbu benefiċċji akbar jekk il-koeżistenza ta' sistemi paralleli (elettroniċi u fuq karta) ikunu jistgħu jiġu evitati.

### **3. AKKWIST ELETTRONIKU MINN TARF SA TARF BIEX TIŻDIED IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-SMEs FL-AKKWIST PUBBLIKU**

Maġġoranza tal-SMEs huma mgħammra għall-użu tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf li jippermettulhom jibbenefikaw mill-użu tiegħu. Skont iċ-ċifri tal-Eurostat 2013<sup>18</sup>, 4,6 % biss tal-SMEs ma kellhomx aċċess għall-internet fl-2012.

<sup>12</sup> Il-lista ta' benefiċċji mhijiex eżawrjenti: tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2, fluħ tas-swieq internazzjonali eċċ.

<sup>13</sup> [www.base.gov.pt](http://www.base.gov.pt)

<sup>14</sup> L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, COM(2010) 245 timmira li żżid l-użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern miċ-ċittadini u n-negozji tal-UE sal-2015.

<sup>15</sup> Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern elettroniku 2011-2015 - COM(2010) 743

<sup>16</sup> Rolece fi Spanja, s-servizz Franċiż *e-Attestation* u AVCP (*Autorità Vigilanza Contratti Pubbliċi*) *Virtual Company Passport* fl-Italja.

<sup>17</sup> Stima ta' AVCP ibbażata fuq għadd ta' kumpaniji u offerti, l-għadd medju ta' parteċipazzjoni għal kull kumpanija, il-kost għall-produzzjoni tad-dokumenti u l-kost tal-persunal.

<sup>18</sup> [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/information\\_society/data/comprehensive\\_databases](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/information_society/data/comprehensive_databases)

B'mod partikolari, il-fatturar elettroniku jista' jnaqqas il-kosti u l-kumplessità li jintbagħtu l-fatturi; dan jista' jillimita wkoll l-iżbalji permezz tal-awtomazzjoni u jissimplifika l-awditjar u l-ġbir tat-taxxa. Din tal-aħħar imbagħad tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi, li hija aktar ta' piż għall-SMEs.

**Bosta studji juru li l-SMEs isibu l-akkwist elettroniku ta' benefiċċju<sup>19</sup>.** L-aspetti pożittivi msemmija mill-SMEs jinkludu aċċess aktar mgħaġġel għall-informazzjoni, aċċess għal ġabra aktar mifruxa ta' opportunitajiet tal-offerti, u s-simplifikazzjoni proċedurali.

L-esperjenza f'pajjiżi fejn l-akkwist elettroniku huwa Prattika komuni (pereżempju l-Portugall, l-Irlanda) hija ġeneralment pożittiva. Fil-Korea t'Isfel, il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku żdiedet b'20 % bejn l-2003 (meta iddaħħal l-akkwist elettroniku) u l-2010.

Minkejja dawn il-benefiċċji inerenti, għandha tittieħed azzjoni fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf (ara t-Taqsima 5). B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jipromwovu s-servizzi ta' fatturar elettroniku u akkwist elettroniku rħas u faċli biex jintużaw bil-għan li jiġu minimizzati kwalunkwe kosti u kumplessità potenzjali.

#### **4. UŻU BAXX TAL-AKKWIST ELETTRONIKU MINN TARF SA TARF IŻDA TKABBIR RAPIDU**

##### **4.1. Is-sitwazzjoni attwali tal-fatturar elettroniku**


Peress li l-benefiċċji tal-fatturar elettroniku qed isiru dejjem aktar rikonoxxuti, diversi Stati Membri ħadu inizjattivi għall-introduzzjoni tiegħu. Il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku attwalment huwa obligatorju sa ċertu punt fid-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja, u se jsir obligatorju fl-Awstrija (fil-livell federali) u fl-Italja sa mill-2014. Il-Pajjiżi l-Bazzi żviluppaw portal (Digipoort) li permezz tiegħu jistgħu jintbagħtu fatturi elettroniċi lill-gvern ċentrali, u qed jittieħdu passi biex jiġu inklużi l-entitajiet reġjonali u lokali. Fi Franza u r-Repubblika Ċeka, id-dipartimenti tal-gvern jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu l-fatturi elettroniċi obligatorji jekk iridu. Pajjiżi oħra, bħal Spanja, il-Belġju, l-Irlanda u l-Ġermanja, ukoll qed jieħdu passi lejn użu usa' tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku.

Minkejja dawn l-isforzi, l-adozzjoni tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku għadha limitata fl-UE. Skont dejta maħruġa mill-Eurostat, 12 % biss tal-intrapriżi jintużaw mezzi elettroniċi meta jibagħtu jew jirċievu fatturi lill-awtoritajiet pubbliċi. Sors ieħor jindika li l-fatturar elettroniku fl-Ewropa, jirrappreżenta biss minn 4 % sa 15 % tal-fatturi kollha skambjati.

**Intrapriżi li jibagħtu/jirċievu fatturi elettroniċi fi struttura standard adatta għall-ipproċessar awtomatiku u dejta elektronika lil/minn awtoritajiet pubbliċi fl-2011 [%] (Sors Eurostat)**

---

<sup>19</sup> L-Istħarriġ Nazzjonali dwar l-Akkwist Elettroniku fil-Portugall (2012) jindika li 78 % tal-SMEs irrappurtaw aktar trasparenza, u 50 % kompetizzjoni ogħla. Ara wkoll: [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/smes\\_access\\_to\\_public\\_procurement\\_final\\_report\\_2010\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/smes_access_to_public_procurement_final_report_2010_en.pdf)



Barra minn hekk, dawk il-pajjiżi li għamlu l-fatturar elettroniku obligatorju għamlu dan fuq il-bażi tal-istandards nazzjonali ta' fatturar elettroniku tagħhom stess, li fil-biċċa l-kbira mhumiex interoperabbli. Dan ikkontribwixxa għall-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u għalhekk żied il-kost u l-kumplessità tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku transfruntier. L-opportunitajiet ta' ffrankar potenzjalment sinifikanti għall-partijiet interessati kollha mhumiex qed jinkisbu.

Il-Komunikazzjoni tal-2010 tal-Kummissjoni "Nisfruttaw il-vantaġġi tal-iffatturar elettroniku għall-Ewropa"<sup>20</sup>, tistabbilixxi bħala objettiv li "sal-2020 [...] l-iffatturar elettroniku jsir il-metodu l-aktar użat għall-iffatturar fl-Ewropa" u tistabbilixxi pjan għaż-żieda fl-użu. Il-Kummissjoni issa adottat proposta li għandha l-għan li tagħmel il-fatturar elettroniku l-metodu standard għall-fatturar fl-akkwist pubbliku (ara 5.1).

#### 4.2. Is-sitwazzjoni attwali tal-akkwist elettroniku

In-notifika elettronika u l-aċċess elettroniku għad-dokumenti dwar l-akkwist ġeneralment huma disponibbli fl-UE, għalkemm f'xi Stati Membri dawn il-funzjonalitajiet ma jintużawx għall-proċeduri u x-xiri kollha. Mill-Istati Membri kollha, 22 diġà għamlu l-użu tan-notifika elettronika obligatorju, ħafna qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni tal-UE. Studju li sar għall-Kummissjoni Ewropea fl-2013<sup>21</sup> jagħti stima tal-użu tas-sottomissjoni elettronika fl-UE ta' madwar 10 %<sup>22</sup> fl-2011 (+13 % meta mqabbel mal-2010).


<sup>20</sup> <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0712:FIN:mt:PDF>

<sup>21</sup> L-istudju jitwettaq minn IDC Italia u Capgemini: [http://ec.europa.eu/dgs/internal\\_market/tenders/2011-097-c/download\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/internal_market/tenders/2011-097-c/download_en.htm)

<sup>22</sup> L-użu huwa stmat bħala l-valur tal-akkwist pubbliku li għalih il-kumpaniji ressqu l-offerti b'mod elettroniku fl-UE, diviż bil-valur totali tal-akkwist pubbliku fl-UE.

## Livell medju tal-użu tas-sottomissjoni elettronika għal kull gruppament ta' Stati Membri fl-2011


■ Għadd ta' Stati Membri (SM) (Sors: IDC Italia)



Il-Litwanja, il-Portugall, l-Isvezja u r-Renju Unit għamlu progress sinifikanti, billi l-użu kien stmat li kien 'il fuq minn 30 % fl-2011. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kellhom livell ta' użu ta' inqas minn 5 %, filwaqt li erba' Stati Membri ma kellhom l-ebda disponibbiltà għas-sottomissjoni elettronika fl-akkwist pubbliku fl-2012: Il-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija u s-Slovenja.

## Sottomissjoni elettronika obligatorja għal kull Stat Membru fl-2011

■ Għadd ta' Stati Membri (SM) (Sors: IDC Italia)



F'maġġoranza ta' Stati Membri (15) is-sottomissjoni elettronika hija volontarja. Il-Portugall biss għamilha obbligatorja għall-awtoritajiet kontraenti kollha u x-xiri, iżda biss 'il fuq minn limitu partikolari. Hemm ħames Stati Membri li jagħmluha obbligatorja f'ċerti każijiet speċifiċi. L-użu tal-akkwist elettroniku fil-Portugall huwa stmat li jiġġenera tfaddil ta' 6 % sa 18 % tat-total tan-nefqa fl-akkwist pubbliku. L-akkwist elettroniku sar ukoll obbligatorju fil-livell reġjonali (pereżempju il-Fjandri, il-Lombardija). Il-profilu dettaljati tal-pajjiżi dwar l-akkwist elettroniku jistgħu jiġu kkonsultati hawn: [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/docs/eprocurement/d2-annex-eprocurement-country-profiles-final\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/eprocurement/d2-annex-eprocurement-country-profiles-final_en.pdf)

B'mod ġenerali, il-qasam tal-akkwist huwa fframmentat ħafna<sup>23</sup> u kumpless, u jirrappreżenta għadd kbir ta' proċeduri differenti, teknoloġiji tal-IT, rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni, prattiki tal-użu li ma jisfruttawx kompletament l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji tal-IT. Il-faċilità tal-użu tas-sistemi tal-akkwist elettroniku u l-interoperabbiltà tagħhom huma elementi ewlenin li jippermettu li jkun hemm użu kbir tal-akkwist elettroniku u ffrankar u benefiċċji kbar.

Sabiex jingħeleb l-użu baxx u sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni pproponiet, bħala parti mill-modernizzazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, li tagħmel l-akkwist elettroniku obbligatorju sa nofs l-2016 u tippromwovi l-interoperabbiltà tiegħu. Bħalissa l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qegħdin jiddiskutu din il-proposta. Filwaqt li d-data tal-iskadenza eżatta għall-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku għadha qed tiġi nneozjata, il-koleġiżlaturi jaqblu fuq il-prinċipju li titlesta t-tranżizzjoni lejn l-akkwist elettroniku. Wara l-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni li ħabbret miżuri biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku fl-UE (ara l-Anness għas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet). B'mod partikolari, il-Kummissjoni ppubblikat rapport, "The Golden Book of e-procurement" (Il-Ktieb tad-Deheb dwar l-Akkwist Elettroniku) li jippreżenta l-aħjar prattika<sup>24</sup>. Barra minn hekk, Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni fuq l-offerti elettroniċi ħareġ rakkomandazzjonijiet biex jissimplifika l-mod kif jitwettagħ l-akkwist elettroniku, b'mod partikolari għall-SMEs u l-fornituri transkonfinali<sup>25</sup>. Iż-żewġ rapporti qed juru li huma effettivi fit-titjib tas-soluzzjonijiet tal-akkwist elettroniku.

## 5. IL-PASSI LI JMISS

Il-proposta tal-Kummissjoni biex tagħmel in-notifika elettronika, l-aċċess elettroniku u s-sottomissjoni elettronika obbligatorji u l-miżuri mħabbra fil-Komunikazzjoni "Strateġija għall-akkwist elettroniku", jirrappreżentaw passi importanti 'l quddiem lejn il-kisba tal-benefiċċji offruti mill-akkwist elettroniku.

Sabiex tippermetti aktar l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf, il-Kummissjoni issa qiegħda twettaq sensiela ta' azzjonijiet, inkluża proposta leġiżlattiva biex il-fatturar elettroniku jkun ir-regola aktar milli l-eċċezzjoni fl-akkwist pubbliku, u miżuri mhux leġiżlattivi, maħsuba biex jappoġġaw aktar l-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf mill-Istati Membri. Dawn l-azzjonijiet huma deskritti hawn taħt<sup>26</sup>.

<sup>23</sup> Hemm bejn 250 000 u 300 000 awtorità kontraenti fl-UE.

<sup>24</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/e-procurement/golden-book/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/e-procurement/golden-book/index_en.htm)

<sup>25</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/e-procurement/expert/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/e-procurement/expert/index_en.htm)

<sup>26</sup> L-azzjonijiet kollha proposti f'dan id-dokument huma konsistenti u kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (QFP: 2007-2013) u l-proposta għall-QFP il-ġdid 2014-2020.



## 5.1. Nagħmlu l-fatturar elettroniku r-regola aktar milli l-eċċezzjoni fl-akkwist pubbliku

Fuq il-bażi tal-estrapolazzjoni tal-evalwazzjonijiet nazzjonali tal-benefiċċji<sup>27</sup>, il-Kummissjoni tistma li l-adozzjoni tal-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku fl-UE jista' jiġġenera ffrankar sa EUR 2,3 biljun.

Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, il-Kummissjoni adottat proposta li għandha l-għan li tagħmel il-fatturar elettroniku l-mod standard għall-fatturar għall-akkwist pubbliku. Permezz ta' effetti indiretti, dan għandu jiffaċilita wkoll l-użu tal-fatturar elettroniku mill-operaturi kollha tas-suq. L-approċċ magħżul huwa doppju. L-ewwel nett, sabiex jiġu eliminati l-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà bejn l-istandards nazzjonali, huwa propost li l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jingħatalu l-kompitu li jiżviluppa standard Ewropew għall-fatturar elettroniku li jistandardizza l-informazzjoni li tinsab f'fattura elettronika li hija essenzjali għall-interoperabbiltà transkonfinali u biex tiġi żgurata l-konformità legali. It-tieni, il-proposta tipprevedi li jkun obligatorju li l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċettaw il-fatturi elettroniċi li jikkonformaw mal-istandard Ewropew il-ġdid. Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li dawn l-obbligi jidħlu fis-seħħ f'data ta' skadenza marbuta mill-qrib kemm jista' jkun mad-data ta' skadenza għall-obbligi dwar l-akkwist elettroniku previsti mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Dan l-approċċ għall-implimentazzjoni tal-fatturar elettroniku huwa mfassal sabiex il-partijiet interessati kollha jkollhom iż-żmien ilaħħqu mal-isfidi operattivi, filwaqt li jiżgura li l-Istati Membri kollha jilħqu t-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jibdew il-ħidma preparatorja meħtieġa malajr kemm jista' jkun biex jiżguraw il-konformità fil-ħin ma' dawn id-dispożizzjonijiet. Hija tirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu l-fatturar elettroniku obligatorju għall-partijiet interessati kollha malli jistabbilixxu l-infrastruttura meħtieġa, sabiex jibbenefikaw minn dawn l-investimenti malajr kemm jista' jkun. Madankollu, l-Istati Membri għandhom fl-istess ħin jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiżguraw li dan ma jiġġenerax kost jew piż addizzjonali mhux meħtieġa fuq l-SMEs. Il-Kummissjoni se tirrevedi s-sitwazzjoni fi żmien ħames snin wara d-data tal-iskadenza għat-tranżizzjoni sabiex jiġi vvalutat il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-fatturar elettroniku .

### **AZZJONIJIET EWLENIN:**

- (1) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom **jaqblu dwar qafas legali ġdid li jagħmel obligatorju l-aċċettazzjoni ta' fatturi elettroniċi konformi ma' standard Ewropew ġdid.**

## 5.2. Xogħol ta' standardizzazzjoni

Il-proposti leġiżlattivi dwar il-fatturar elettroniku u fuq l-akkwist elettroniku huma kundizzjoni neċessarja iżda mhux suffiċjenti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf fl-UE. Diversi miżuri mhux leġiżlattivi maħsuba biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf huma meħtieġa. B'mod partikolari, aktar xogħol ta' standardizzazzjoni huwa meħtieġ biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-proposta leġiżlattiva dwar il-fatturar elettroniku.

Is-CEN għalhekk se jwettaq ix-xogħol meħtieġ għall-istandardizzazzjoni fuq il-bażi ta' mandat mill-Kummissjoni li se jitħejja fi stadju aktar tard. Il-mandat se jinkludi lista ta'

<sup>27</sup> Tweġiba mill-forum nazzjonali Svediż u dak Daniż dwar il-fatturar elettroniku riċevuta fil-konsultazzjoni tal-EMSF.

rekwiżiti minimi li jrid jinkorpora l-istandard. Ix-xogħol imbagħad isir skont il-proċeduri standard tas-CEN għall-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda. Filwaqt li tali standard jista' biss jiġi adottat minn Kumitat Tekniku (KT), id-deċiżjoni dwar jekk KT eżistenti jistax jieħu dan il-kompitu jew jekk għandux jinħoloq wieħed ġdid se tittieħed mis-CEN. Is-CEN għandu wkoll ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-akkwist elettroniku bl-għan li jissimplifika s-soluzzjonijiet għall-akkwist elettroniku, biex irawwem il-parteciġazzjoni tal-SMEs u biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku permezz ta' sistemi tal-akkwist elettroniku. Il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja proġetti li jippromwovu l-iżvilupp tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf fl-UE bħal pereżempju l-e-SENS<sup>28</sup>, u se tiżgura li x-xogħol tas-CEN rilevanti jiġi inkorporat f'dan il-proġett.

L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu tal-istandard CEN fil-pajjiżi tagħhom sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf.

Bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali, il-Kummissjoni pproponiet li tnedi l-programm "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (Connecting Europe Facility - CEF)<sup>29</sup>. L-għan tiegħu huwa li jappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura meħtieġa biex jingħataw servizzi pubbliċi transkonfinali, inkluż l-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku, billi tittejjeb l-interoperabbiltà tal-proċessi transkonfinali. Dan jista' jrawwem l-istandardizzazzjoni tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf lil hinn mill-oqsma koperti mil-leġiżlazzjoni li ġejja u jikkontribwixxi biex jiġu limitati s-soluzzjonijiet nazzjonali mhux interoperabbli.

#### **AZZJONIJIET EWLENIN:**

- (2) **Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għandu jwettaq ix-xogħol ta' standardizzazzjoni meħtieġ biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-proposta leġiżlattiva dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku. Is-CEN għandu jkompli jisstandardizza l-akkwist elettroniku sabiex jiġi ssimplifikat l-użu tiegħu mill-SMEs.**
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffinanzja proġetti li **jippromwovu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-fatturar elettroniku interoperabbli fl-UE (e-SENS).**
- (4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha **tiffinanzja u tappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf (inkluż il-fatturar elettroniku) fl-Ewropa kollha permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) proposta.**

### **5.3. L-istrateġiji nazzjonali għall-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf**

L-Istati Membri għandhom rwol ewleni biex jagħmlu l-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf realtà. Għalhekk, il-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri biex jistabbilixxu strateġiji nazzjonali, bi pjani ta' azzjoni dettaljati biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku u tal-fatturar elettroniku sad-dati tal-iskadenza stipulati fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Fatturar Elettroniku. L-istabbiliment ta' dawn l-istrateġiji huwa opportunità biex tiġi riveduta l-istruttura kumplessa attwali tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf (frammentat, xi kultant ma mhux faċli għall-utent u soluzzjonijiet li mhumiex

<sup>28</sup> L-e-SENS għandu l-għan li jikonsolida r-riżultati ewlenin tal-Proġetti Pilota fuq Skala Kbira mmexxija taħt il-Programm Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni. <http://www.esens.eu> Skont il-firma tal-Ftehim ta' Għotja (li qed jiġi finalizzat), e-SENS se jkun proġett kofinanzjat mill-UE.

<sup>29</sup> Ara COM(2011) 676, COM(2011) 665 u COM(2013) 329 tat-28 ta' Mejju 2013.

interoperabbli), sabiex jiġi razzjonalizzat aktar l-akkwist pubbliku, u biex tiġi permessa modernizzazzjoni usa' tal-amministrazzjoni pubblika.

Sabiex dawn l-istrateġiji jkunu azzjonabbli, għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi sabiex:

- **Jiġu stabbiliti miri intermedji** għall-użu tal-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku biex jiġi monitorjat il-progress lejn l-oġettivi stabbiliti fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Fatturar Elettroniku;
- **Tiġi rregolata t-tranżizzjoni** billi tintgħażel strateġija li timmassimizza l-benefiċċji tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf. Il-Kummissjoni Ewropea se **tniedi studju li jidentifika dawk l-istrateġiji** għall-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku **li juru li għamlu l-aktar suċċess**. Dan se jagħti appoġġ lill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-politiki tagħhom stess;
- **Jiġu promossi s-simplifikazzjoni, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, u l-parteċipazzjoni tal-SMEs u l-fornituri transkonfinali** fl-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf billi jitqiesu r-riżultati tal-Golden Book u l-Grupp ta' Esperti dwar l-offerti elettroniċi (ara l-aħħar tat-Taqsima 4.2);
- **Jitrawmu l-iżvilupp u l-użu taċ-ċertifikati elettroniċi**. L-użu ta' għodod bħal pereżempju l-Fajl tal-Kumpaniji Virtwali (Virtual Company dossier - VCD)<sup>30</sup> tal-PEPPOL<sup>31</sup> jistgħu jgħinu fl-istabiliment tagħhom;
- **Jiġu monitorjati l-infiq fl-akkwist u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni** (pereżempju l-parteċipazzjoni tal-SMEs, il-benefiċċji tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf) fil-livell nazzjonali bl-użu tal-informazzjoni ġenerata mis-sistemi tal-akkwist elettroniku sabiex jinkisbu tfaddil u trasparenza akbar;
- **Jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ** għall-kumpaniji (b'mod partikolari l-SMEs) u l-awtoritajiet kontraenti sabiex jappoġġawhom matul it-tranżizzjoni. L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li **jużaw il-fondi strutturali sabiex jiffinanzjaw it-taħriġ u, jekk ikun hemm bżonn, biex tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa**. Biex jieħdu vantaġġ minn din il-possibbiltà, għandhom jinkludu dawn il-prijoritajiet fil-programmi operattivi futuri tagħhom li jimplementaw il-Fondi Strutturali fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.
- **Jiġu indirizzati l-oġettivi tas-suq intern fl-istrateġiji nazzjonali**. Il-Kummissjoni Ewropea se tippubblika prinċipji ewlenin li magħhom kwalunkwe sistema tal-akkwist elettroniku fl-Ewropa għandha tkun konformi sabiex tkun kompatibbli mas-Suq Intern. Il-linji gwida se jindirizzaw kwistjonijiet bħal pereżempju: l-aċċess faċli għall-fornituri transkonfinali (pereżempju s-sistemi tal-akkwist elettroniku ma għandhomx jinkludu spazji għad-dejta speċifika nazzjonali, li jistgħu jimblukaw l-aċċess minn kumpaniji barranin), l-aċċess faċli għall-SMEs, ir-reqwiziti tal-interoperabbiltà, eċċ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġiji nazzjonali tagħhom jinfurzaw dawn il-linji gwida.

#### **AZZJONIJIET EWLENIN:**

<sup>30</sup> <http://www.peppol.eu/>.

<sup>31</sup> [http://www.peppol.eu/peppol\\_components/virtual-company-dossier](http://www.peppol.eu/peppol_components/virtual-company-dossier)

- (5) **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġiji nazzjonali u pjanijiet ta' azzjoni dettaljati għall-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf** biex jiżguraw l-implimentazzjoni sad-data tal-iskadenza prevista fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Fatturar Elettroniku.
- (6) Il-Kummissjoni Ewropea għandha **tniedi studju li jidentifika l-aktar strateġiji tal-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku li kellhom suċċess** fl-Ewropa.
- (7) **L-Istati Membri għandhom iqisu l-possibbiltà li jużaw il-Fondi Strutturali sabiex jiffinanzjaw it-taħriġ (b'mod partikulari għall-SMEs), biex issaħħu l-kapaċità amministrattiva u biex jibnu l-infrastruttura**, billi jinkludu dawn il-prijoritajiet fil-programmi operattivi tagħhom kif xieraq.
- (8) Il-Kummissjoni Ewropea għandha **tippubblica l-prinċipji ewlenin li magħhom kwalunkwe sistema tal-akkwist elettroniku fl-Ewropa għandha tkun konformi** sabiex tkun kompatibbli mal-prinċipji tas-Suq Intern.

#### 5.4. Il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika

Il-Kummissjoni se tkompli x-xogħol tal-Forum Ewropew tad-Diversi Partijiet Interessati dwar il-Fatturar Elettroniku u se tistabbilixxi forum simili għall-akkwist elettroniku. Il-forums se jidentifikaw aktar xogħol ta' standardizzazzjoni, se jikkoordinaw l-inizjattivi Ewropej u nazzjonali, u se jikkondividu l-aħjar Prattika. Il-forums se jiġbru l-atturi ewlenin tal-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf: dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, ir-rappreżentanti tal-kumpaniji/l-organizzazzjonijiet tal-SMEs, l-awtoritajiet kontraenti/ix-xerrejja, dawk li jipprovdu soluzzjonijiet għall-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku, il-korpi tal-istandardizzazzjoni eċċ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tniedi studju li jidentifika l-aħjar Prattika fil-qasam tal-ġhodod tal-akkwist elettroniku, bħal pereżempju l-irkanti elettroniċi<sup>32</sup> u l-katalgi elettroniċi<sup>33</sup>. Dawn l-ġhodod xi kultant jintużaw ħażin — pereżempju, jekk l-offerti fil-proċeduri ta' irkanti elettroniċi jiġu żvelati kmieni wisq fil-proċess, dawn jistgħu jiffavorixxu l-kollużjoni bejn il-fornituri. L-istudju għandu jidentifika kif dawn l-ġhodod jistgħu jintużaw l-aħjar biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tagħhom.

Il-Kummissjoni qed tmexxi bl-eżempju fil-qasam tal-akkwist elettroniku u l-fatturar elettroniku. Il-Kummissjoni se timplimenta l-akkwist elettroniku sħiħ (li jkopri n-notifika elettronika, l-aċċess elettroniku u s-sottomissjoni elettronika) sa nofs l-2015, kif indikat fil-Komunikazzjoni tal-2012<sup>34</sup>. Il-fatturar elettroniku ilu jintuża għall-akkwist tal-oġġetti u s-servizzi tal-IT sa mill-2009, u ġġenera ffrankar sinifikanti, ipproċessar iżjed malajr, nuqqas ta' kodifikazzjoni tad-dejta, eċċ. Il-Kummissjoni qed testendi progressivament l-użu obligatorju tal-fatturar elettroniku f'oqsma oħra tal-akkwist tal-Kummissjoni. Dawn is-soluzzjonijiet se jkunu disponibbli lill-Istati Membri fuq bażi ta' sors miftuħ biex jitnaqqsu l-kosti tal-investment.

#### **AZZJONIJIET EWLENIN:**

<sup>32</sup> L-irkanti elettroniċi huma proċedura speċifika ta' akkwist li hija kompletament elettronika.

<sup>33</sup> Il-katalgi elettroniċi huma mezz biex jaslu u jiġu evalwati l-offerti b'mod strutturat — katalgu.

<sup>34</sup> Ara l-Komunikazzjoni COM(2012) 179 final msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

- (9) Il-Kummissjoni Ewropea għandha **tkompli x-xogħol tal-Forum Ewropew tad-Diversi Partijiet Interessati dwar il-Fatturar Elettroniku**. Il-Kummissjoni Ewropea għandha **tistabbilixxi forum simili għall-akkwist elettroniku** biex tidentifika aktar xogħol ta' standardizzazzjoni, tikkoordina l-inizjattivi Ewropej u nazzjonali u tikkondividi l-aħjar prattika.
- (10) Il-Kummissjoni għandha **tniedi studju li jidentifika l-aħjar prattika fil-qasam tal-għodod tal-akkwist elettroniku, bħal pereżempju l-irkanti elettroniċi u l-katalgi elettroniċi**.

## **6. KONKLUŻJONI**

Biex jinkisbu l-benefiċċji kbar offruti mill-akkwist elettroniku minn tarf sa tarf, huwa essenzjali li jiġi stabbilit qafas legali effettiv fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew jadottaw il-proposta l-ġdida dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku mill-aktar fis possibbli; dan jagħti sinjal politiku ċar dwar l-impenn tagħhom fit-tranżizzjoni. Madankollu, il-benefiċċji jistgħu jinkisbu kompletament biss jekk l-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji biex jirregolaw it-tranżizzjoni u biex jiġu indirizzati l-isfidi operattivi.

ANNEX:

L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-KOMUNIKAZZJONI “STRATEĠIJA GĦALL-AKKWIST ELETTRONIKU”

AZZJONIJIET EWLENIN	L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI
(1) Il-Parlament Ewropew (PE) u l-Kunsill għandhom jaqblu dwar <b>qafas legali ġdid li jirrikjedi tranżizzjoni sħiħa lejn l-akkwist elettroniku</b> . Data ta' skadenza: <u>adozzjoni sal-aħħar tal-2012</u> .	<b>Għaddej bħalissa:</b> Il-proposta qed tiġi diskussa mal-PE u l-Kunsill; jista' jintlaħaq kompromess sa nofs l-2013.
(2) Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha <b>tarmonizza r-rekwiżiti tekniċi</b> permezz ta' atti ddelegati. Data ta' skadenza: <u>wara l-adozzjoni tad-direttivi l-ġodda</u> .	L-implimentazzjoni wara l-adozzjoni tad-Direttivi riveduti dwar l-Akkwist Pubbliku.
(3) Il-Kummissjoni għandha tipproponi <b>qafas legali ġdid għall-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-firem elettroniċi</b> . Data ta' skadenza: <u>sat-tieni trimestru tal-2012</u> .	<b>Lest:</b> Proposta adottata fl-4 ta' Ġunju 2012 <sup>35</sup> . Il-proposta qed tiġi diskussa mal-PE u l-Kunsill.
(4) l-e-TEG (Grupp Espert) għandu jorog <b>rakkomandazzjonijiet biex jipromwovi s-sistemi tal-“aqwa kwalità” tal-akkwist elettroniku</b> li jiffaċilitaw l-aċċess transkonfinali u l-użu faċli għall-kumpaniji kollha. Data ta' skadenza: <u>sal-bidu tal-2013</u> .	<b>Lest:</b> rapport ippubblikat <sup>36</sup> .
(5) Il-Kummissjoni għandha tippubblika <b>rapport dwar l-aħjar Prattika tal-akkwist elettroniku</b> u tippromwovih fl-UE kollha. Data ta' skadenza: <u>sa nofs l-2013</u> .	<b>Lest:</b> rapport ippubblikat. <sup>37</sup>
(6) Il-Kummissjoni għandha <b>tappoġġa s-sostenibbiltà tal-komponenti tal-PEPPOL</b> sa minn nofs l-2012.	<b>Lest:</b> Il-PEPPOL miftuħ ġie stabbilit bħala assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Belġjana u x-xogħol tiegħu għadu għaddej.

<sup>35</sup> <http://europa.eu/newsroom/calendar/event/363056/commission-adopts-proposed-regulation-on-eid-and-esignature>

<sup>36</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/e-procurement/expert/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/e-procurement/expert/index_en.htm)

<sup>37</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/publicprocurement/e-procurement/golden-book/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/e-procurement/golden-book/index_en.htm)

	Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-iżvilupp tal-PEPPOL permezz tal-azzjonijiet inklużi fil-programm ISA.
<b>AZZJONIJIET EWLENIN</b>	<b>L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI</b>
(7) Il-Kummissjoni għandha <b>tiffinanzja u tappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-akkwist elettroniku</b> fl-Ewropa permezz tal- <b>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)</b> . Il-Kummissjoni għandha tnedi l-proġetti fl-2014-2015.	<b>Għaddej bħalissa:</b> il-proposta biex jiġi stabbilit is-CEF ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-aħħar tal-2011 u ġiet immodifikata f' Mejju 2013; il-proposta attwalment qed tiġi diskussa fil-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid 2014-2020.
(8) Il-Kummissjoni għandha tippromwovi <b>l-użu tal-Fondi Strutturali biex trawwem l-adozzjoni</b> tal-akkwist elettroniku fl-Ewropa, kif stabbilit fil-Qafas Strateġiku Komuni għall-2014-2020.	<b>Lest:</b> Diversi programmi nazzjonali diġà jinkludu referenzi għall-akkwist elettroniku.
(9) Il-Kummissjoni għandha timplimenta <b>strateġija ta' tixrid b'firxa wiesgħa</b> dwar l-akkwist elettroniku.	<b>Għaddej bħalissa:</b> Avvenimenti organizzati mill-Kummissjoni: konferenza ta' livell għoli dwar l-akkwist elettroniku (Ġunju 2012); seminar dwar l-akkwist elettroniku (Diċembru 2012). Hija attendiet għadd kbir ta' konferenzi u użat diversi netwerks biex tqassam l-informazzjoni (pereżempju n-Netwerk Ewropew għall-Intrapriża).
(10) Il-Kummissjoni għandha torganizza <b>konferenza annwali dwar l-akkwist elettroniku</b> , li jibda f'nofs l-2012.	<b>Lest:</b> konferenza organizzata f'nofs l-2012, bi 350 parteċipant. Konferenza oħra hija ppjanata fit-18 ta' Settembru 2013.
(11) Il-Kummissjoni għandha tlesti l-bażi għas- <b>sistemi elettroniċi biex timmonitorja n-nefqa fl-akkwist</b> fil-ħin reali. Data ta' skadenza: sa nofs l-2013.	<b>Għaddej bħalissa:</b> Il-Kummissjoni Ewropea kkuntrattat studju li se jitlesta sa nofs l-2013.
(12) Il-Kummissjoni għandha toħroġ <b>rapport annwali dwar l-akkwist elettroniku</b> . Data ta' skadenza: l-ewwel rapport f'nofs l-2013.	<b>Lest:</b> Ara t-taqsima 4 tal-Komunikazzjoni.
(13) <b>Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-akkwist elettroniku sħiħ</b> sa nofs l-2015 (sena qabel id-data ta' skadenza għall-Istati Membri)	<b>Għaddej bħalissa:</b> In-notifika elettronika u l-aċċess elettroniku għad-dokumenti huma operattivi. Is-sottomissjoni elettronika se tidħol f' fażi pilota sa nofs l-2013.

AZZJONIJIET EWLENIN	L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI
(14) Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-soluzzjonijiet tal-akkwist elettroniku tagħha disponibbli għall-Istati Membri li qed jibnu l-infrastruttura tagħhom, biex jitnaqqsu l-kosti tal-investment.	<b>Għaddej bħalissa:</b> Il-Belġju adottata l-e-Prior, is-sistema tal-akkwist elettroniku tal-Kummissjoni. In-Norveġja u l-Irlanda bħalissa qegħdin jittestjaw l-e-Prior.
(15) Il-Kummissjoni għandha <b>tippromwovi djalogi regolatorji internazzjonali</b> dwar is-sistemi miftuħa tal-akkwist elettroniku u <b>timmonitorja b'mod attiv ix-xogħol tal-istandardizzazzjoni internazzjonali rilevanti.</b>	<b>Għaddej bħalissa:</b> id-djalogi mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-UN/CEFACT <sup>38</sup> mnedija.

<sup>38</sup>

<http://www.unece.org/cefact.html>